**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-1 ta' Ġunju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Cluj – ir-Rumanija) – Parchetul de pe lângă Curtea de Apel Cluj vs Niculaie Aurel Bob-Dogi**

**(Kawża C-241/15)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Deċiżjoni qafas 2002/584/ĠAI — Mandat ta' arrest Ewropew — Artikolu 8(1)(c) — Obbligu li fil-mandat ta' arrest Ewropew tiġi inkluża informazzjoni dwar l-eżistenza ta' "mandat ta' arrest" — Assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali preċedenti u distint mill-mandat ta' arrest Ewropew — Konsegwenza)***

(2016/C 287/15)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Parchetul de pe lângă Curtea de Apel Cluj

*Konvenuta:* Niculaie Aurel Bob-Dogi

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 8(1)(ċ tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "mandat ta' arrest", previst f'din id-dispożizzjoni, għandu jinftiehem bħala li jindika mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew.*

2) *L-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta mandat ta' arrest Ewropew, li huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' "mandat ta' arrest", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma jinkludix indikazzjoni tal-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma għandhiex teżegwixxih, jekk, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata, u f'dak ta' kwalunkwe informazzjoni oħra li hija għandha, din l-awtorità tikkonstata li l-mandat ta' arrest Ewropew ma huwiex validu peress li nħareġ mingħajr ma kien effettivament inħareġ mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew.*

[1] ĠU C 245, 27.7.2015

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-2 ta' Ġunju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kúria – l-Ungarija) – Lajvér Meliorációs Nonprofit Kft., Lajvér Csapadékvízrendezési Nonprofit Kft. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága (NAV)**

**(Kawża C-263/15)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 9(1) — Kunċetti ta' "persuna suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud" u ta' "attività ekonomika" — Artikolu 24(1) — Kunċett ta' "provvista ta' servizzi" — Xogħlijiet ta' inġinerija rurali — Kostruzzjoni u ġestjoni ta' sistema għall-iskular ta' ilmijiet minn kumpannija kummerċjali mingħajr skop ta' lukru — Effett tal-finanzjament tax-xogħlijiet permezz ta' għajnuna mill-Istat u ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea)***

(2016/C 287/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Kúria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Lajvér Meliorációs Nonprofit Kft., Lajvér Csapadékvízrendezési Nonprofit Kft.

*Konvenuta:* Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága (NAV)

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ġestjoni ta' xogħlijiet ta' inġinerija rurali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minn kumpannija kummerċjali mingħajr skop ta' lukru, li teżerċita tali attività bħala professjoni li trendi qligħ b'mod komplementari biss, tikkostitwixxi attività ekonomika fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, minkejja ċ-ċirkustanza li, minn naħa, dawn ix-xogħlijiet ikunu ġew iffinanzjati b'mod sinjifikattiv mill-għajnuna mill-Istat u, min-naħa l-oħra, il-ġestjoni tagħhom tagħti biss lok għal dħul li joriġina minn tariffa ta' ammont imnaqqas, peress li din it-tariffa għandha natura kontinwa minħabba t-tul previst tal-perijodu li matulu hija ser tinġabar.*

2) *L-Artikolu 24 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ġestjoni ta' xogħlijiet ta' inġinerija rurali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi t-twettiq ta' provvista ta' servizzi bi ħlas, għar-raġuni li dawn għandhom rabta diretta mat-tariffa riċevuta jew li għandha tiġi riċevuta, bil-kundizzjoni li din it-tariffa ta' ammont imnaqqas tikkostitwixxi l-korrispettiv tas-servizz ipprovdut u minkejja ċ-ċirkustanza li dawn is-servizzi jikkostitwixxu t-twettiq ta' obbligi previsti minn dispożizzjonijiet legali. Il-qorti tar-rinviju għandha tivverfika jekk l-ammont tat-tariffa riċevuta jew li għandha tiġi riċevuta huwiex ta' natura, bħala korrispettiv, li jikkaratterizza l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-provvista ta' servizzi mwettqa jew li għandha titwettaq u l-imsemmi korrispettiv, u, konsegwentement, in-natura oneruża tal-provvista ta' servizzi. B'mod partikolari, hija għandha tiżgura li t-tariffa riċevuta mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi biss remunerazzjoni parzjali tas-servizzi pprovduti jew li għandhom jiġu pprovduti, u li l-livell tagħha ma ġiex stabbilit minħabba l-eżistenza ta' fatturi eventwali oħra li jistgħu, jekk ikun il-każ, iqiegħdu f'dubju r-rabta diretta bejn is-servizzi u l-korrispettiv tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 235, 21.7.2014

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fil-25 ta' April 2016 – Ministério da Saúde, Administração Regional de Saúde de Lisboa e Vale do Tejo, I. P. vs João Carlos Lombo Silva Cordeiro**

**(Kawża C-229/16)**

(2016/C 287/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ministério da Saúde, Administração Regional de Saúde de Lisboa e Vale do Tejo, I.P.

*Konvenut:* João Carlos Lombo Silva Cordeiro